1 ta' Frar 2018
19/2018

**ĊELEBRAZZJONIJIET LITURĠIĊI MMEXXIJA MILL-ARĊISQOF CHARLES J. SCICLUNA MATUL FRAR 2018**

Il-Ħamis 1 ta' Frar 2018, fis-6:30 p.m., l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jiċċelebra Quddiesa fl-okkażjoni tal-50 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa tal-Madonna ta' Fatima, Gwardamanġa.

Il-Ġimgħa 2 ta' Frar, fid-9:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej f'Jum il-Ħajja Kkonsagrata, fil-Kappella tal-Monasteru tas-Sorijiet Klarissi, San Ġiljan.

Is-Sibt 3 ta' Frar, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan fil-bidu tal-Viżta Pastorali f'din il-parroċċa.

Il-Ħadd 4 ta' Frar, fil-10:45 a.m., Monsinjur Arċisqof jamministra s-Sagrament tal-Qrar u jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan bħala parti mill-Viżta Pastorali f'din il-parroċċa.

Il-Ġimgħa 9 ta' Frar, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa li matulha jagħti il-pussess lil Dun Gordon Refalo bħala l-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa ta' Ħal Għaxaq.

Is-Sibt 10 ta' Frar, festa ta' San Pawl Nawfragu, fl-10:30 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fil-Knisja ta' San Pawl Milqi, Burmarrad.

It-Tnejn 12 ta' Frar, fis-7:15 p.m., Monsinjur Arċisqof jagħti l-Ministeru tal-Lettorat lil ħames seminaristi, fis-Seminarju tal-Arċisqof, Tal-Virtù.

L-Erbgħa 14 ta' Frar, Ras ir-Randan, fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra l-Quddiesa tal-Erbgħa tal-Irmied, fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Il-Quddiesa tixxandar 'live' fuq il-YouTube Channel tal-Knisja f'Malta.

Il-Ġimgħa 16 ta' Frar, f'nofsinhar, Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa waqt l-irtir tar-Randan għall-impjegati tal-Kurja, il-Caritas u t-Tribunal Ekkleżjastiku, fil-Knisja Ommna Marija tal-Parir it-Tajjeb, Paceville, San Ġiljan. Fis-6:30 p.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa mal-Comunità Abramo, fil-Knisja ta' Marija Bambina, l-Isla.

Is-Sibt 17 ta' Frar, fit-8:00 p.m, Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa mal-ewwel komunità tal-Mixja Neokatekuminali, fil-Katekumenju, il-Mosta.

Il-Ħadd 18 ta' Frar, fl-10:00 a.m., Monsinjur Arċisqof jiċċelebra Quddiesa fl-okkażjoni tal-400 anniversarju tal-Parroċċa ta' Santa Marija, il-Qrendi.